L-INTERVISTI TAL-MUMENT

Ħtieġa li jkun hawn Assoċjazzjoni tal-kuntratturi

Nahseb li issa hafna draw l-intervisti tieghi u s'issa kellimt lil hafna nies minn diversi setturi tal-hajja. Hu ghalhekk li hassejt li ghandi mmur inkellem lil Anġlu Xuereb, wieħed mill-akbar kuntratturi f'Malta. Ghaliex le? Ghaliex m'ghandniex nisimghu l-verżjoni tieghu wkoll? Is-soltu nitfghu l-kritika kollha fuq il-kuntratturi. Il-lum qed naghtu ftit spazju biex dawn jirrispondu!

DARRYL GRIMA
jintervista
lil Anġlu Xuereb

Meta sar it-tentattiv mill-pulizija biex iwaqqghu l-kmamar mibnija bla permess fl-Armier, kien hemm min qal: "Ghaliex jaqbdu mal-hut iż-żghir u mhux mal-kbar? Ghaliex ma marrux il-Qawra ghand Anġlu Xuereb?'

Darba minnhom kont f'"Nistħarrġuha', fuq it-televiżjoni u ghidt pubblikament, ghax attakawni fuq it-televiżjoni meta tkellimt. Ghidtilhom biex meta jridu, jiġu hawnhekk fl-uffiċċju u nurihom il-permessi meħtieġa li ghandi. Nista' nuri lilek stess il-permessi kollha tal-Lido. Li jogġezzjonaw ghax biddilet daqsxejn il-pjanta. Dan li kien ġara. Jien kelli permess ghal-lukanda kollha, bil-Lido b'kollox u wara, *halfway through,* iddeċidejna nbiddlu l-pjanta tal-Lido. Ahna, ghedna din lukanda kbira, proġett kbir, ahjar ikolli kollox eżatt u applikajna biex inbiddlu l-*planning out* tal-Lido. Applikajna u gie *refused.* Ghaliex biddilt il-pjanta? Fuq hekk qed ighidu li m'ghandix permess. Dak kollu. Il-permess qieghed hemm. Li jistghu jghidu li m'hux eżatt mal-permess. Iżda jekk jattakkawni fuq hekk, nahseb 99 fil-mija ta' Malta m'hux mibni skond il-pjanta. Ghax min biddel it-tieqa, min biddel xi kamra fuq ġewwa, eċċ.

Punt iehor li rrid insemmi f'dan ir-rigward hu l-*foreshore* tal-Lido, jiġifieri mal-bahar. Qabel, lanqas nahseb li kien hemm erba' familji jinżlu hemm. Ghandi r-ritratti ta' kif kien kollu blat ippuntat, hmieġ, kulhadd jarmi hemm. Issa ghax irranġajtu u nfaqt eluf kbar ta' liri qed jiġu jgawduh it-turisti li tant ghandha bżonn Malta. It-turist ta' klassi, li mdorri jsiefer barra minn Malta, isib xtut diċenti fejn ikun jista' jistrieh. Kieku ma konniex hekk lanqas turisti ma jiġu Malta. Dawn m'humiex imdorrijin joqoghdu bil-qieghda fuq blat ippuntat.

Post sabiħ għat-turisti

Iridu l-kumditá u s-servizz maghhom. Issa fl-ebda Lido m'hemm profitt. Dan hu s-servizz li qed naghtu ahna. Innehhu minn rasna li b'dan taghmel xi ruxxmata liri. Jekk insib lil xi hadd li jmexxih b'xejn, ninvesti l-flus jiena u jmexxih min irid. Jalla jaghmel il-profitt minnu, basta jżomm il-post nadif u jaghti s-servizz mehtieġ. Jiġifieri issa li ghamilt post sabih, adattat ghat-turisti, li Malta ghandha bżonn, se nkun attakkat ghax ighidu li l-Maltin hemm iridu jmorru jghumu, ghax irranġajtu.

Jinhtieġu aktar postijiet mal-bahar ghat-turisti. Il-Gvern ghandu per eżempju jimponi li min per eżempju min ha elf metru kwadru, irid jirranga bi tlett elef metru kwadru maghha. Mhux ma jsir xejn ghall-Maltin. Fil-fatt tajt proposta lill-Gvern ghal mil-lukanda tieghi sal-ponta. tal-Qawra. Nirranga l-post kollu ghall-Maltin spejjeż tieghi. U nimmaniġġjah, l-iżjed haġa importanti, jiġifieri nżommu nadif u nthalla naghmel id-*dustbins* bir-reklam tieghi. Naghmel passaġġi puliti bil-konkos. Postijiet fejn jieklu, bil-bankijiet adattati. Ikollhom fejn ikunu jistghu jieklu u jaghmlu l-*Bar-b-que* u jwahhlu xi umbrella. *Area* fejn jinżlu jaghmlu *sunbathing.* Passaġġi bit-turġien bhala aċċess ghal mal-bahar u *parking* ghall-karrozzi. Dawn lest li naghmilhom b'xejn B'kumpens ghal dik l-art tal-Gvern. U fl-istess hin ngholli l-livell ta' l-inhawi. Jekk il-Gvern jaghmel hekk ma' kulmin ghandu *beach concession,* jew qed jokkupa parti minn dawk l-artijiet, nghidlek li ma jkunx hemm garr mill-Maltin. Dawn hafna minnhom jaghlquhom biex il-Maltin ma jidhlux, ghajr bil-hlas. Dan isir biex dak li jkun jibża' ghall-affarijiet. Mhux jidhlu b'ruxxmata tfal u jgerrxu lit-turisti. Jekk ikun hawn *area* deċenti hdejn il-bahar il-Maltin ma jkollhomx ghalfejn jidhlu fejn ikunu t-turisti.

Nahseb li jekk bhali issa taqbad il-kosta kollha ta' Malta, m'hemmx aktar minn tnejn fil-mija li hi aċċessibbli ghall-bahar. Fejn hemm il-bajjiet biss tista' tiżżel, il-bqija tqatta' saqajk. Li jkieku kellna nirranġaw, parti, speċjalment in-naha tat-Tramuntana ta' Malta kien ikun ahjar.

Jekk taqbad il-kosta minn Tas-Sliema sa Selmun, kważi kullimkien jista' jkun aċċessibbli ghall-bahar. Naturalment trid tirranga. Trid tonfoq xi ftit tal-flus biex tkun aċċessibbli. Il-Maltin m'ghandhomx *areas* b'faċilità bha. dawn fejn ighumu. Dan narawh, fejn kienu rranġaw tas-servizzi hdejn Qalet Marku. Il-Maltin kollha hemm jaqghu. Il-ghala? Ghax ghandhom *areas* fejn jistghu joqoghdu bil-qieghda. Imbaghad timxi 800 pied 'il boghod fuq kull naha u ma tarax nies. Ghaliex? Ghax kollu blat ippuntat. Mhux irranġat. Hemm distinzjoni bejn wieħed jibnilek *hut* hemmhekk, bla servizz tas-sanità, bla dawl, hmieġ u qieghed ihammeġ l-ambjent, meta jien qed insebbhu. Jien infaqt eluf kbar ta' liri u dawk it-tined hemm ghadhom. M'ghandi xejn kontriehom. Iżda hemm differenza bejnietna. Jien qed insebbah l-arja u qed naghti kontribut siewi ghal pajjiżna, biex nattiraw l-*up market tourists.*

Kumitat għall-kuntratturi

Jinghad li s-settur kważi dejjem jinteressa ruhu biss fejn jista', jaghmel il-flus, minghajr ma jaghti kas l-ambjent. X'ghandek xi tghid dwar dan il-punt?

Nahseb li meta ssemmi s-settur kummerċjali, qed tirreferi ghall-kuntratturi u *developers,* hekk nohodha ghall-każ tieghi. Dan li ghidt int, ma hux minnu, almenu ghall-kuntratturi l-kbar.

S'issa ghad ma kienx hawn ghaqdiet tal-kuntratturi. Qatt ma nstema' l-lehen ta' kuntrattur u ta' *developer.* Hawn hafna ghaqdiet li ghax jafu jitkellmu, tinstema' l-vuċi taghhom. Minn naha tad-*developer,* qatt ma nstemghet il-vuċi tieghu, qatt hadd ma ta kasu. Ara jekk issibx xi ghaqda wahda tad-*developers* jew kuntratturi.

Jien bdejt fil-*Federation of Industries.* Qieghed fil-Kumitat tas-*Services Sector* tal-F.O.I. u l-ilmenti tieghi ma jikkonkretizzawx ghax lanqas biss Assoċjazzjoni m'hawn. Hassejna 'l bżonn li jitwaqqaf kumitat apposta ghall-kuntratturi tal-bini. Fil-fatt irnexxieli nghaqqad xi kuntratturi u beda jinstema' lehinna. Ippruvajna nohorġu xi *code of ethics* tal-kuntratturi u meta kien hawn konferenza dwar li *Structure Plan,* rajna l-istand tal-kuntratturi jiftahru bil-prodotti taghhom. Kuntratturi bdew iżommu l-post nadif; hemm min ghamel l-iscafolding; ix-*shielding;* in-*netting;* ix-*chute,* biex nuru li ahna naghtu kas l-ambjent. Li gara sfortunatament, hu li ma kienx hawn *enforcement* biżżejjed biex jaraw li l-ambjent jibqa' nadif. Iżda ahna l-kuntratturi l-kbar, lesti li nikkontribwixxu lejn ambjent nadif fejn inkunu qeghdin nahdmu.

Jien qieghed ukoll membru fil-Kumitat tat-Tliet Villaġġi, imsejjah mill-Kamra tal-Kummerċ fejn lest biex naghti s-schem biex noholqu kompetizzjoni bejn villaġġ u iehor ghall-isbah villaġġ. Ghidtilhom biex l-ewwel nibdew bl-isbah pjazza tar-rahal. Is-sena ta' wara l-isbah triq, imbaghad l-isbah *playing field.* Meta qajjimna dan il-punt staqsew minn fejn se jiġu l-flus. Ghidtilhom li ma ridtx politika involuta. Ma ridtx il-każini tal-Banda jmexxu, lanqas jekk jista' jkun ma jkun il-kappillan il-President tal-Kumitat ta' kull villaġġ.

Preferibbilment ikun wieħed bl-esperjenza, pensjonant minn hemmhekk. Meta ssemmew dawn l-ilmenti kollha, ghidtilhom li lest nidhol ghaliha. Jien *I'm a doer not a talker.* Hemm differenza kbira. Kif taf, bhalissa fuq l-ambjent qed isir hafna diskors, hafna ghaqdiet. Kulhadd jitkellem u jghid lil min suppost jaghmel hekk, dak qed jaghmel hekk u kulhadd jitkellem biss. Iżda sfortunatament *doers* m'hemmx. U jekk Malta kienet mahmuġa ghadha.

Jien ghidtilhom, ha niehu r-responsabbiltà jien, li naghtihom mudell. Ha niehu l-pjazza tan-Naxxar, il-post fejn twelidt jien. Ha naghmlilhom kampjun bih. Tuni biss il-*go ahead.* Il-flus nigborhom minghand in-Naxxarin. Fil-Kumitat indahhal l-ideat taż-żewġ partiti, l-ideat tal-kappillan, tar-rahhala tan-Naxxar u lest li naghtihom kampjun lest, li fuqu jistghu jimxu u jimplimentaw il-villaġġi l-ohra.

Jien naghti kas l-ambjent. U bhali kuntratturi ohra. Sfortunatament ghandna kuntratturi żghar li ma jaghtux kas l-ambjent. Ighidulek: 'X'jimpurtani jien!' Iżda nerġa' nwaqqa' t-tort fuq il-fatt li ghandna bżonn li l-kuntratturi, kif semmejt jien fil-FOI, ikunu klassifikati f'A, B jew C.

L-ambjent u l-kuntratturi

Jekk se tqabbad kuntrattur klassifikat A, b'certu ammont ta' nies u *overheads,* biex iżomm il-post tieghu aktar nadif ukoll, biex jimpjega aktar nies, *middle management* tajjeb, biex jieħu ħsieb ix-xoghol, inkluż l-indafa, hemm il-bżonn li thallas kemm kemm aktar, biex timpjega lil dak il-kuntrattur. U meta timpjega kuntrattur klassifikat C, tkun taf li se tieħu certu riżultat. Jiġifieri, jekk int se tibni xi bini, f'post abitat, ghandek tqabbad kuntrattur li qieghed mghammar u jaf b'dawn ir-responsabbiltajiet. Iżda nehhiha minn rasek li l-kuntrattur, speċjalment il-*leading contractors* ma jaghtux kas l-ambjent.

Bil-ftuh tal-'PreCast', inholoq konfront mas-sidien tal-barrieri tal-franka. Hemm min jahseb li dawn igharrqu l-ambjent, iżda bosta jahsbu li huma l-barrieri tal-qawwi (taż-żrar) li huma l-akbar ġerha fl-ambjent. Minnu li int sid ta' numru minn dawn il-barrieri? X'tahseb?

L-ewwelnett li l-barrieri qeghdin kontra l-*PreCast* nahseb li dan m'hu minnu xejn. Fil-fatt jien qatt ma hlomt li tal-barrieri jistghu jkunu f'konfront mieghi. Anqas qatt. Kont nimmaġina elf oġġett iehor f'konfront mieghi, iżda mhux tal-barrieri. Ghax jien inhoss li qed nghinhom. Ahna ghandna bżonn nahdmu flimkien. Il-maġġoranza tax-xoghol tieghi huma soqfa, travi u kolonni. Ma nafx min dahhalhielhom f'mohhhom li jien se nkun kompetitur taghhom u li se noqtolhom bil-ġuh? Li se nibni d-djar lesti?

Ghandna ġebla tant sabiha u dnub min ibajjadha. Jien dejjem niftahar biha, u li ghandna nhalluha fuq il-fil. Imbaghad jiġu jattakkawni li se nohdilhom xogholhom. Jew jiġu jghidulek li se nibni d-djar bil-konkrit. Anqas qatt ma ghaddieli minn mohhi. Hi aktar gholja li taghmel hekk.

It-tieninett. Il-ġebla qatt ma int se tghaddiha fis-sbuhija taghha.

It-tieletnett. Mhux prattiku l-konkrit. Il-*PreCast* hu purament ghal raġunijiet kummerċjali. Wara kollox

• ghal paġna 7

Miss Michelle Amberni
from
Stendhal Cosmetics
will be giving free
advice on skin care
on the following dates:

Mon – 4th November
16.00 hrs - 1900 hrs at Victor's Sliema
Teu – 5th November
0900 hrs - 11230 hrs at Franks Valletta
1500 hrs - 1900 hrs at Victors Sliema
Wed – 6th November
0900 hrs - 1230 hrs at Victors Sliema
Thur – 7th November
all day at Abelas Victoria Gozo
Fri – 8th November
0900 hrs - 1230 hrs at Franks Valletta
1600 hrs - 1900 hrs at Franks Valletta
Sat – 9th November
0900 hrs - 1230 hrs at Franks Valletta

PARIS
Stendhal

Aktar jinħtieġ min jaħdem milli min jikkritika

• minn paġna 6

l-akbar kompetituri tieghi huma kuntratturi ohra, li wkoll aċċettawha. Ghax aċċettaw l-iżvilupp fis-sistema tal-konkrit. Iżda fis-settur tal-ġebla ilu ma jsir żvilupp ghal dawn l-ahhar 40 sena. Qatt ma investew il-flus biex jimmodernizzaw it-taghmir taghhom waqt li ahna, fis-settur tal-konkrit, investejna f'makkinarju ġdid. Ġibna krejnijiet aktar moderni, u b'hekk wasalna biex naċċettaw kompetizzjoni.

Li jkollok kompetizzjoni hu mal-wall panels. Xi hadd dahhal il-kelma *PreCast slabs*, li fil-fatt ilhom jeżistu f'Malta. Li ghandi jien huma l-*prefabricated wall panels*, li anqas huma ghaxra fil-mija tal-produzzjoni tieghi. U bhala prezz anqas jaghmlu tlieta fil-mija tal-volum tieghi. Jien aktar naghmel soqfa. U x'imkien irrid inserrahhom is-soqfa tieghi jew fuq ġebel jew fuq travi tal-hadid, jew travi tal-konkos — li jaghmlu kuntratturi ohra. L-akbar kompetizzjoni tieghi huma t-travi tal-hadid, li jfissru flus herġin barra mill-pajjiż.

Il-barrieri

Il-punt l-iehor li semmejt. Iva jien ghandi barriera tal-qawwi. U jekk il-bini se jiżdied, jekk l-iżvilupp se jkompli jiżdied, ghandna bżonn kemm il-ġebla u anki l-konkrit. Allura ż-żewġ barrieri se jiżdiedu.

Il-barrieri, kemm tal-franka u kemm tal-qawwi, it-tnejn qed jonqsu. M'ghandniex kwantità kemm irridu miż-żewġ tipi ta' barrieri.

Issa semmejt il-punt li tgharraq. It-tnejn igharrqu. Iżda hemm *il-mod* ta' kif wara, il-barrieri jkunu irranġati.

Terġa' timliehom, u ġġibhom *orchards.* Ghax l-art, maż-żmien terġa' tieħu l-istess kulur. Li qed naraw ikreh, speċjalment jekk thares mill-ajru, hi l-hofra bajda. Jekk il-Gvern jikkunsidra li biex dawn il-barrieri jimtlew sa ċertu livell bit-terrapien u jaghtihom saff hamrija fuq tiġi *orchard.* U ssebbaħ qieghed mhux tkerrah. Xi ftit jew wisq tghid li jibqa' xi effett — li kien hemm barriera — iżda dejjem qed tnaqqas sostanzjalment.

Niġu ghat-terrapien. Mhux qed nghidlek li t-terrapien kollu jista' jkun adattat, ghax naf bil-problema tal-kontaminazzjoni tal-*water table.* Jiġifieri, jekk twaddab żibel li wara jinżel fl-ilma, l-ilma jista' jinżillek fil-*water table.* Hemm jista' jhassaralek kollox. Iżda dan il-materjal jista' jkun kontrollat. Nafu li 90 fil-mija ta' l-iskart hu terrapien tal-bini. Jiġifieri 90 fil-mija tar-*refuse* li ghandna hu tajjeb biex nimlew dawn il-barrieri. Li jrid isir hu daqsxejn kontroll li ma jitwaddabx żibel.

Jien ukoll issuġġerejt haġa ohra dan l-ahhar. Li jinstabu tliet lokazzjonijiet, waħda fit-Tramuntana, waħda fin-Nofsinhar u ohra fin-nofs ta' Malta, fejn isir depot ta' dan it-terrapien li jitwaddab minn fuq tal-barriera. Hu jiġi *graded* awtomatikament, b'operazzjoni tassew sempliċi u min irid materjal *boulders,* imur jieħu l-*boulders* minn hemmhekk. Jekk trid biex tordom il-pedamenti trid thalltu . . . tmur taghżel minn hemm ukoll. U b'hekk nistghu ntejbu t-toroq ta' Malta, fis-sens li jekk irridu nibnu trid ġdida nkunu nistghu naghmluha *in layers.*

Suppost li fi triq ghandek taghmel saff ġebel ohxon, imbaghad saff ġebel iżghar. U wara t-tarmak fuq kollox. Mhux bhal issa. Imdorrijin naqbdu nordmu, romblatura fil-wiċċ u naghtu t-tarmak mill-ewwel. Dan qed naraw ir-riżultat. Wieħed fil-mija tat-toroq huma ta' livell tajjeb f'Malta. Dak hu l-kaġun li ahna m'ghandniex toroq tajbin ghax is-sodda tat-triq ma ssirx tajba minhabba li ma ssibx materjal.

Jekk jaghtuni nibni triq fuq il-Mellieħa tiġix tghidli li ghandi l-materjal Marsaxlokk. Jekk irrid inġorr minn hemm ghall-Mellieħa, il-kuntrattur jara x'jivvinta biex isib xi materjal in-naħa tal-Mellieħa u jordom li jsib. Imbaghad jirrombla fil-wiċċ.

Ghandek ukoll fattur iehor importanti, li 25 fil-mija ta' dan il-materjal hu inqas minn ċentimetru, u fih kwantità kbira ta' ħamrija. Dan jekk thalltu mal-kompost li se jipproduċi l-impjant tar-riċiklaġġ ta' Sant Antin, nistgħu nużawh bhala hamrija, u b'hekk inkunu nistghu niksu *areas* xaghri, kollu blat. Naturalment, f'ċerti *areas.* Mhux se taghmilhom fil-widien. Taghmel saff ta' ġebel daqsxejn imdaqqas taht u din il-hamrija ġdida fil-wiċċ u taghmel *areas* fil-kobor. Lill-bidwi jkunu jistghu jingħatawlu *areas* li jista' jaħdem b'makkinarju kbir. Jipproduċi aktar, u Malta ssir aktar

Anġlu Xuereb, wieħed mill-kuntratturi l-kbar fi ġziritna

hadra. Jista' jitkabbar il-frott, ghax ahna nonfqu eluf ta' liri biex nimpurtaw il-frott u jibqa' aktar profitt lill-bidwi, ghax se jaħdem b'makkinarju modern.

Naturalment biex ikollna Malta aktar ħadra jrid ikollna aktar ilma. Fil-fatt jien kont ghamilt proposta dwar is-*sewerage* ukoll, li ghandha tkun introdotta *sewage treatment plant* f'kull villaġġ, jew bejn żewġ villaġġi, skond id-daqs. Ikun 'il boghod daqsxejn mill-villaġġ. Dan, il-lum il-ġurnata hawn impjant li joqghod f'kamra. F'sitt minuti jbiddel l-ilma tad-drenaġġ f'ilma li tista' tixrob minnu. Din ġabuha fuq it-televiżjoni u qeghda teżisti fid-dinja. Mela bihom f'kull villaġġ tista' toħloq *irrigation water* u *2nd class water,* kemm ghall-industrija u kemm ghar-residenza. F'inhawi ġodda taghtihom żewġ *meters,* wieħed ghall-ilma tajjeb ghax-xorb u l-iehor ghas-*2nd class water.* Tista' wkoll toħloq *water depot* ghall-bdiewa.

Imbaghad hemm il-problema tad-drenaġġ li sejjer il-bahar. Qed nipproduċu ilma, u dan qed jiġina jqum il-miljuni ta' liri fir-*Reverse Osmosis Plants.* Biex inhaddmuhom qed joħdulna konsum kbir ta' dawl. Irridu nibnu *Power Stations.* Imbaghad l-ilma li ntellghu rridu nerġghu nitfghuh il-bahar mill-ewwel. Kważi mija fil-mija li ntellghu, qeghdin narmuh. Nużaw daqsxejn sens komun. Ghallinqas nirriċiklawh. Nużawh u naghmlu Malta ħadra. Nitfghu fil-bahar dawn il-miljuni tal-liri, biex inħammġu l-bahar. B'ġebla waħda tista' tolqot żewġ aghsafar!

Kontribut meħtieġ mill-għaqdiet

Int x'taħseb dwar l-Għaqdiet Ambjentali?

Punt sabih u interessanti. Jien m'ghandi xejn kontra ghaqdiet ambjentali. Fil-fatt dan l-ahhar kif semmejt qabel, se nidħol fil-programm tat-Tlett Ibliet iffurmat mill-Kamra tal-Kummerċ. Se nidħol biex immexxi u lest li nikkontribwixxi, iżda sfortunatament semmejtha aktar qabel, hawn hafna ghaqdiet li jitkellmu dwar l-ambjent. Ħafna diskors qed isir ghax l-ambjent hu fuq fomm kulhadd. Anke l-partiti politiċi jsemmuh. Iżda Malta maħmuġa kienet u Malta maħmuġa ghadha. U dan juri li dawn aktar jitkellmu milli jaghmlu x-xoghol. Jien aktar nixtieq nara ghaqdiet li *they do* li lesti li jikkontribwixxu huma. Jieħdu xi haġa f'idejhom. Li iva, din ghamilnieha ahna. Naħseb li jekk l-ghaqdiet kollha jaghmlu xi haġa, ghall-inqas inkunu bdejna naghmlu xi haġa. Tnaddaf it-triq, tnaddaf il-villaġġ. Mhux xejn! Jitkellmu kif suppost ħaddieħor ghandu jaghmel u jiktbu fil-gazzetti ghax dak qed jaghmel hekk u hekk biss. Kulhadd gharef biex jikteb u jitkellem.

We want doers not talkers. Ghax sfortunatament, min qieghed f'dawn l-ghaqdiet, hemm ħafna minnhom edukati, ta' skola u jafu kif il-messaġġ taghhom jasal f'ghajnejn innies.

Iżda ghidilhom biex jieħdu xi ħaġa f'idejhom dawn u jaghmluha. Hekk tara kemm jonqsu l-ghaqdiet kieku. Tghidilhom li biex jaghmlu ghaqda jridu juru kemm huma kapaċi, kemm tassew ihobbu lil Malta. Hemmhekk iridu juruna li huma tassew ghaqda ambjentali. Ghamel xi haġa, imbaghad naċċettawk. Mhux kollha jitkellmu u ma jsir xejn.

Attivitajiet ta' ndafa

Bħala parti mill-kampanja 'Ejjew Flimkien Innaddfu Pajjiżna', 'Angelo Xuereb Ltd.' se torganizza sensiela ta' attivitajiet.

1. Se tisponsorja u timmantjeni 25 landa taż-żibel
2. Tiknes it-triq quddiem stabbilimenti:

i) Il-post ħdejn is-*Sunny Coast,* il-*Coral Reef,* u s-*Suncrest,* ilkoll fil-Qawra.

ii) Il-post ħdejn l-*AX House,* Ħal Lija

iii) Ħdejn il-*General Precast Concrete Factory* f'Ħal Far

Niehu gost nara li s-settur privat jieħu sehem b'dan il-mod. U fil-fatt ninkoraġġixxi ohrajn biex jieħdu l-eżempju tieghu. Min jixtieq aktar informazzjoni dwar il-kampanja jista' jċempel fuq 234594 jew *Facsimile* 243758.

Darryl Grima

IL-"WHITE PAPER" DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

SEMINAR

- imniedi miċ-**Ċentru Tmexxija Soċjali** (MAS) bil-kollaborazzjoni tas-**Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Kultura u Protezzjoni tal-Konsumatur**
- nhar il-Ġimgħa, **8 ta' Novembru 6-8 p.m.** – il-Kwartieri Ġenerali tal-MAS, 15, Triq Zekka l-Belt u nhar is-Sibt, **23 ta' Novembru, 1991** mit-3.30 sat-8.30 p.m. fl-Iskola Primarja Floriana.
- L-ewwel laqgħa tkun tikkonsisti minn introduzzjoni minn uffiċjal fis-Segretarjat Parlamentari għall-Protezzjoni tal-Konsumatur u diskussjoni. It-tieni laqgħa tinkludi Forum, Workshops u Seduta Plenarja. Jagħlaq is-Seminar l-Onor. Dr. Michael Frendo, Segretarju Parlamentari għaż-żgħażagħ Kultura u Protezzjoni tal-Konsumatur.
- Is-Seminar hu **miftuħ għall-pubbliku** flimkien ma' mexxejja politiċi, trejd-unjonisti ċi, ta' għaqdiet kostitwiti u uffiċjali f'Dipartimenti tal-Gvern.
- Għal parteċipazzjoni iktbu lid-Direttur, Ċentru Tmexxija Soċjali, 15 Triq Zekka, Valletta.

EVA HOUSE
THE HOUSE OF FURS
Republic Street, Valletta
Manufacturers and designers of
HIGH QUALITY FURS
AND LEATHER
A NEW COLLECTION OF
LADIES WEAR
FOR AUTUMN